MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 108/2012

A B

vs

C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet kkontrattaw iz-zwieg fl-4 ta' April 1996 ;

2. Illi l-kunsens tal-esponent inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga ;
3. Illi l-kunsens ta’ mart l-esponent kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghal martu li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ;
4. Illi l-kunsens tal-esponenti inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg ;
5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza biex iz-zwieg ezistenti bejn il-mizzewwgin jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi ;

Talab ghar-ragunijiet premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet kif aktar ‘il fuq riferit huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta guramentata u b’hekk hija kontumaci f’din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat l-4 ta' April 1996 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19 (1)(c), 19(1)(d) u 19 (1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

**Il-verzjoni tar-rikorrent**

Permezz tax-xiehda tieghu[1] r-rikorrent jghid li ltaqa' mal-intimata l-Belt Valletta u minn hemmhekk bdew jiltaqghu regolarment. Sar ihobbha u haseb li l-intimata kienet tirreciproka l-istess sentiment. Jghid li talbitu biex jizzewgu wara xi xahar jew xahar u nofs li ltaqghu. Jghid ukoll li l-intimata kienet qaltlu li sakemm ma jbiddilx ir-religjon tieghu u jsir Musulman, ma kienx ser ikun hemm relazzjonijiet intimi bejniethom. Zammet tali posizzjoni kemm qabel u wara z-zwieg. Ghalkemm fiz-zwieg kien jipprova jersaq lejha, kollox kien ta' xejn, tant li l-intimata kellha kamra tas-sodda ghaliha. Imbaghad permezz tal-affidavit tieghu[2] jiccara din il-kwistjoni billi jghid li qabel iz-zwieg kienet tghidlu li ma setghetx tkun intima mieghu minhabba r-religjon u li ma setghetx taghmel dan qabel iz-zwieg u wara z-zwieg l-iskuza kienet li rieditu jsir Musulman.

Jghid li hekk kif kienet tasal id-dar, kienet tinghalaq fil-kamra tas-sodda taghha u sahansitra kienet tiekol hemm ukoll. Izid jghid ukoll li l-intimata ma kienet taghmel xejn id-dar u lanqas kienet taghti daqqa t'id fit-tfal tieghu minn terzi. Il-fatt li bdiet torqod f'kamra ghaliha daqstant malajr

[1] Datata l-31 ta' Mejju 2013 esebita a fol 24 tal-process
[2] Esebit a fol 40 tal-process

wara z-zwieg wasal biex jahseb li kienet izzewgitu biex tkun tista’ tibqa’ Malta.

Imbaghad, skopra li l-intimata rnexxielha ggib il-passaport Malti, ghalkemm dan sar minn wara dahru. Sar jaf ukoll li gewwa l-Marokk kellha tliet ulied u li dwarhom ma kien jaf xejn qabel iz-zwieg[3]. Permezz tal-passaport Malti, l-intimata rnexxielha ggib lil uliedha Malta u hekk kif gew Malta, l-intimata telqet mid-dar matrimonjali, anke wara li kellha xi dizgwit ma’ uliedu, u z-zwieg ta’ bejniethom (ghalkemm jghid li dan ma kien ebda zwieg) spicca. Meta telqet ma riedx ifittixha ghaliex bejniethom qatt ma kien hemm idea ta’ zwieg.

Permezz tal-affidavit tieghu jghid li z-zwieg tieghu kien fil-verita’ farsa u li ghalhekk ma kien hemm zwieg xejn ghaliex qatt ma ghexu bhala koppja mizzewga. Hu konvint li l-intimata nqdiet bih biex tibqa’ hawn Malta u biex twettaq l-iskopijiet ta’ mohha.

**<u>Il-Provi Migbura</u>**

Permezz tal-affidavit tieghu Wayne B[4] jikkonferma li missieru zzewweg lill-intimata wara xi xahar li kien sar jaf lill-intimata, u dan minhabba insistenza taghha. Jghid li ra din il-kwistjoni stramba u li l-problemi ta’ bejniethom bdew mill-ewwel. Jghid li sema’ lil missieru jistaqsi lil martu ghaliex ma kienitx thallih imissha kif ukoll li ma riedx isir Musulman. Jzid jghid li l-partijiet kienu jiggieldu hafna tant li l-intimata marret torqod f’kamra ohra. Jikkonferma wkoll li hekk kif kienet tasal id-dar wara x-xoghol, l-intimata kienet tissakkar fil-kamra taghha u taghmel kollox wahedha. Jghid li ma kienx imur tajjeb maghha ghaliex kien ihoss li qed

[3] Ara x-xhieda tieghu datata l-15 ta’ Ottubru 2013 a fol 34 tal-process
[4] Esebit a fol 43 tal-process

tghaddi lil missieru biz-zmien ghaliex ma kienitx izzewgitu ghax thobbu, ghalkemm qabel iz-zwieg kienet turi li thobbu.

Permezz tal-affidavit taghha Marija Briffa[5] tghid li taf l-istorja tal-partijiet mill-bidu nett hekk kif qalilha l-gharus taghha Wayne. Peress li allura jirrizulta li Marija Briffa ma taf b'ebda fatt personalment, il-Qorti m'hijiex ser tiehu x-xiehda taghha in konsiderazzjoni.

Jesmond Vella, permezz tal-affidavit tieghu[6] jghid li kien wissa lill-attur fuq l-intimata ghax hass li setghet kellha xi intenzjoni ulterjuri ghalfejn riedet tizzewweg, pero' peress li l-attur kien mignun fuqha, ma semax minnu. Jikkonferma li wara z-zwieg l-attur irrakkontalu kif l-intimata rieditu jsir Musulman u li ma kellhomx relazzjonijiet intimi flimkien. Jikkonferma hafna mill-affarijiet li jsemmi l-attur, inkluz li l-intimata kienet torqod f'kamra ghaliha u li ma kienet taghmel xejn id-dar.

## <u>**Il-Mertu tal-Kaz odjern**</u>

Jidher li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg b'mod mghaggel tant li l-intimata kienet diga' qed titkellem fuq zwieg wara biss erba' (4) gimghat minn mindu ltaqghu. Iz-zwieg sar ta' malajr malajr, fuq insistenza tal-intimata, b'dan li l-attur accetta minghajr problemi ta' xejn.

Il-Qorti ser tezamina jekk iz-zwieg huwiex null a bazi tal-Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tar-rikorrent inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga. F'dan l-istadju, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef**

[5] Esebit a fol 45 tal-process
[6] Esebit a fol 46 tal-process

**Pierina Vs Bentanfous Amor** fejn gie dikjarat li "***Kwantu ghal "qerq" …. dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***". Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine** gie sostnut ukoll li "***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mixxorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***".

Il-Qorti tirrileva li jidher car li l-intimata qatt ma riedet li tkun intima mal-attur pero' qabel iz-zwieg, qaltlu biss li minhabba r-religjon taghha ma setghetx tkun intima mieghu qabel iz-zwieg. Imbaghad, wara z-zwieg, meta ma setghetx tuza dik l-istess skuza, dawwret il-kliem u bdiet tinsisti li l-attur isir Musulman biex ikollhom relazzjonijiet intimi flimkien.

Mill-provi jirrizulta bl-aktar mod car li l-intenzjoni tal-intimata li ma jkollhiex relazzjonijiet intimi mal-attur kienet prezenti qabel iz-zwieg. M’hemm ebda dubju li tali fattur huwa gravi u li l-attur ma kienx konxju dwaru qabel iz-zwieg (ghaliex kien jahseb li wara z-zwieg, l-intimata ma kienitx ser ikollha problemi). M’hemm ebda dubju li l-elementi msemmija fil-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq jirrizultaw u li ghalhekk, l-intimata qarrqet bl-attur biex tasal ghall-iskop taghha u cioe’ li tikseb passaport Malti u tkun tista’ ggib lil uliedha hawn Malta.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe’ li l-kunsens tal-attur kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-partijiet minhabba anomaliji psikologici serji kienu inkapaci illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti thoss li mill-provi esebiti, jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimata qatt ma kellha l-intenzjoni li verament tifforma familja u tifforma dik l-ghaqda li tant hi necessarja fiz-zwieg. Qatt ma verament riedet tizzewweg fis-sens wiesgha tal-kelma. Dan ma jfissirx li l-intimata ma kellhiex dak il-gudizzju necessarju sabiex tevalwa d-decizjoni taghha ghaz-zwieg. Min-naha tieghu, l-attur accetta li jidhol ghal dan iz-zwieg wara biss ftit gimghat li kienu ilhom jafu lil xulxin. Decizjoni li ttiehdet b’mod affrettat minghajr ma l-attur sema’ dwar x’kellu xi jghid il-habib tieghu Jesmond Vella u minghajr ma verament haseb x’pass kien ser jiehu u dan kollu ghaliex kien mignun fuq din il-mara.

Illi dan kollu juri li l-intimata dahlet ghal dan iz-zwieg ghal ragunijiet hziena filwaqt li l-attur ghamel tali pass minghajr ma wisq ta’ piz lil tali decizjoni ghaliex jammetti li zzewweg fuq insistenza taghha u fi zmien tant qasir li mhux konsidrat bhala zmien bizzejjed sabiex wiehed jista` verament jiddeciedi li jaghmel pass tant importanti.

F’dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[7] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta’ xi jfisser dan l-

[7] Deciza nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***".

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[8] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, kien ir-rikorrent li ma kellux id-*discretio judicii* necessarju, ghaliex ghazel li jizzewweg biex jikkuntenta lill-intimata li wara biss ftit gimghat bdiet tinsisti li ghandhom jizzewgu. Peress li fil-premessi pero' jidher li l-aspett ta' nuqqas ta' diskrezzjoni qieghed jintalab biss fil-konfront tal-intimata, allura z-zwieg ma jistax jigi dikjarat null fuq tali bazi.

[8] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-attur inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti tirrileva li mix-xiehda prodotta jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimata eskludiet l-intimita' ta' bejniethom. Kienet l-intimata li rrifjutat li tkun intima ma' zewgha, bl-iskuza li riditu jsir Musulman izda l-Qorti thoss li fil-verita' din kienet biss skuza ghaliex l-intimata qatt ma riedet tizzewweg lill-attur. Riedet biss li takkwista l-opportunita' li ggib lil uliedha minn barra u xejn aktar.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[9] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghall-kawzi fl-ismijiet **Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida**[10] **u Miriam Ramdan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**[11] fejn gie ritenut li:

"***Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita***

[9] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[10] Deciza nhar l-10 ta' Ottubru 1995 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[11] Deciza nhar is-16 ta' Jannar 1998 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament***".

Issir referenza wkoll ghall-kawzi fl-ismijiet **Mary Rose Abder Tahim vs Esam Abder Rahim**[12] u **Carmen El Shimi gia Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi**[13] fejn gie ritenut li: "***Fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop tieghu uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija jew/ u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulate peress li eskluda posittivament iz-zwieg innifsu***".

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Mill-provi prodotti jirrizulta b'mod car li l-intimata dahlet ghal dan iz-zwieg purament ghal ragunijiet ta' konvenjenza, tant li qatt ma kellha relazzjonijiet intimi ma' zewgha, bdiet torqod f'kamra ghaliha mill-bidu taz-zwieg, bdiet tghix hajja separata fl-istess dar mieghu mill-bidu net u qatt ma riedet li tibni zwieg fis-sens wiesgha tal-kelma. Jidher li l-partijiet kienu mizzewgin biss bil-karti ghaliex qatt ma stabbilixxew dik ir-rabta ta' mizzewgin.

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Mill-provi migbura, jirrizulta bl-aktar mod car li fil-mument tal-kunsens, l-intimata ma kellha ebda intenzjoni li tidhol ghal zwieg serju u dejjiemi.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(C) u l-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255.

---

[12] Deciza nhar il-31 ta' Mejju 2000 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

[13] Deciza nhar l-20 ta' Gunju 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------